KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun**

**Id-Disa' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 4**

Laqgħa tal-kunsill Lokali Il-Ħamrun, fis-sala tal-Kunsill, nhar il-Ħamis 19 ta' Settembru, 2024, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut
Aymen Grech Pace
Vince Bonello
Maria Baldacchino
Mario Calleja
Maria Mallia
Jean Carl Agius Ciscaldi

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tanya Agius Borg – Segretarju Eżekuttiv

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Carmen Borg
Antoine Vassallo

*Misraħ il-Kunsill*
*Triq id-Duka t'Edinburgh*
*Ħamrun ĦMR 2063*
*hamrun.lc@gov.mt*

Is-Sindku Christian Sammut jippresjedi l-laqgħa

| | |
|---|---|
| **04.02** | **Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa preċedenti** |
| 04.02.01 | Fi Triq Ġużè Maria Camilleri, il-bankini issewwew imma baqa' xi xogħol fit-tundjatura, baqa' jitnqadfu xi konki fejn se tkun qed issir ħamrija ġdida filwaqt li jitwaħħlu xi siġar u fanali. |
| 04.02.02 | Saret laqgħa fuq Triq Manuel Magri, fejn saru xi emendi ta' kif se tkun qed tiġi t-triq. Dawn se jkunu qed jintbagħatu lil Transport Malta biex jiġu approvati. |
| 04.02.03 | Il-cameras fi Triq Alexander twaħħlu però għad hemm issue għax is-software ma qabilx ma dak li kien hemm. Kien hemm perjodu fejn dawn ma kienux qed jaħdmu però wara pressure li sar, dawn ġew iċċekkjati u għalissa inqabdu l-cameras l-antiki, sakemm ikun hemm żvilupp fuq il-ġodda. |
| 04.02.04 | Fuq Pjazza 7 Ġunju għad ma kien hemm l-ebda risposta però dawk se jkunu sponsorjati minn LESA u fuq ta' Ġnien Anton Buttigieg bħalissa għaddej xogħol fuq il-wires biex eventwalment jitwaħħlu l-cameras għal aktar moniteraġġ. |
| 04.02.05 | Fuq il-każ ta' sigurtà jidher li s-sitwazzjoni hija waħda aħjar. Fuq persuni li jorqdu barra, kien hemm każ fi Ġnien Oreste Chircop, għax saru xi rondi u se tkun qed issir aktar pressjoni biex ikun hemm aktar moniteraġġ u sigurtà. Qed ssir ukoll enfasi fuq dawk il-ħwienet li mhux suppost jibqgħu miftuħin. Hemm minn qed jikkollabora u min le. Is-Sindku qal li kellu kuntatti mal-Pulizija fejn dawn informawh li hemm ċertu ħwienet li jistgħu jibqgħu miftuħin, iżda hu qal li l-liġi ma tippermettix għax hemm miktub li ħanut irid ikun jaħdem bħala *confectionary* biex jibqa' miftuħ. |
| 04.02.06 | Kien hemm il-laqgħa ġenerali annwali tar-reġjun fejn kien hemm preżenti s-Sindku u l-Viċi-Sindku. Kienet nformattiva u ġew imnedija numru ta' inizjattivi li se jsiru mir-reġjun. Ġew imnedija ukoll l-kalamiti kommemorattiva li jirrappreżentaw kull lokalita, fejn bħala Ħamrun hemm fuqha San Ġorġ Preca. |
| 04.02.07 | Se ssir laqgħa man-National Council of Women, biex jiġi diskuss x'attività tista' ssir flimkien. |
| 04.02.08 | Biex isir tagħmir għat-tfal fil-kulleġġ San Ġorġ Preca (Liceo), is-sindku tkellem mas-surmast u li kellu jġib aktar stimi u se tkun qed issir laqgħa fil-ġimgħat li ġejjin biex dawn jiġu diskussi. |
| 04.02.09 | Il-Viċi Sindku ta' aġġornament fuq Malta Rangers Unit, fejn huwa qali li ilu jipprova jkellimhom però bla risposta. Huwa baqa' jippersisti u fejn qalulu li se jkunu qed jagħtu risposta. Huwa kellem nies mill-uffiċju tal-Ministru Bryon Camilleri, fejn informah li din l-unita hija għaqda mhux governattiva. Fuq dan |

il-punt, huwa ta l-parir li ma jiġux involuti għax dan jista' jwassal għal problemi mar-residenti. Però xorta waħda se jkun qed isir laqgħa magħhom.

04.02.10 Is-Sindku qal li ra l-pjan ta' ħidma u se jkunu qed jitkellmu fiż-żmien li ġej biex jibda ukoll il-ħidma fuq dan il-pjan.

## 04.03 Komunikazzjoni mis-Sindku

04.03.01 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li permess tal-iskema CIES issa l-kunsill għandu ħaddiem ġdid li se jkun parti mill-*maintenance*, fejn hekk għandna aktar impjegati.

04.03.02 Fuq it-tiżjin tal-Milied. Is-soltu l-kunsill jieħu ħsieb, fejn huwa talab lill-kuntrattur biex jibgħat l-istima tas-soltu. Bħala disinn ta' Triq il-Kbira u n-naħħa tal-Kunċizzjoni huwa qal li għandhom jibqgħu l-istess, filwaqt li jibqaw biss pendenti xi postijiet żgħar oħra fosthom fejn San Franġisk, Triq Qormi u Triq Nerik Cordina Perez. Is-Sindku qal li huwa li filwaqt li dawn jitħallsu mill-fondi tal-kunsill, bħal dejjem li tintalab l-għajnuna min-naħa tal-ħwienet bħala sapport addizzjonali. Huwa qal ukoll li tkun ħaġa sabiħa jekk isiru xi attivitajiet fosthom *Christmas market* mill-Ħamrun, fejn għal-laqgħa li jmiss jiġu diskussi xi ideat, forsi f'nhar it-8 ta' Diċembru jew inkellha t-13 ta' Diċembru.

04.03.03 Fuq dan il-punt il-Viċi Sindku qal li tista' tkun idea possibbli li jsir *Christmas Food Market*. F'dan ikun hemm varjetà ta' ikel relatat mal-Milied. F'dan jistgħu jiġi involuti nies li jagħmlu xi tip ta' ikel differenti. Din tista' ssir fil-Pjazzetta tal-Kunsill.

04.03.04 Is-Sindku qal li filwaqt li hija idea tajjeb u mportanti li naraw x'se tirrikjedi bħala fondi. Huwa qal li huwa tajjeb li niġu b'ideat biex isiru xi attivitajiet relatati mal-festi li ġejjin.

04.03.05 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li hemm 3 skemi ġodda. Waħda minnhom hija SPI/SCI/04/2024 Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentral relatata ma' proġetti maġġuri, fejn applikajna biex issir amara ġdida biex iżżejjen it-triq fosthom pjanti, *nformation stands* u aktar. L-ammont previst li jintefaq għal din l-iskema huwa ta' €45,113.60. Huwa qal li din l-iskema tiffinanzja 30% tal-ispiża, iġifieri €30,000 għalhekk il-kunsill se jkun qed joħroġ il-kumplament tal-ispiża. Il-kunsill approva din in-nefqa.
Skema oħra hija SPI/SCI/7/2024- Espressjoni ta' Interess - Servizz ta' Manutenzjoni Minuri f'Binjiet pubbliċi, fejn hemm ftit diffikultà fejn dawn jistgħu jintużaw. Però fuq dan is-Sindku qal li se naraw il-possibilità li dawn jintużaw biex titranġa is-Sala Zammit Cordina. Hemm skema oħra ta' public works, fejn il-fond tagħha huwa madwar €250,000. Huwa qal li b'dan il-fond, tipprova ssir ħidma fuq Pjazza San Pawl, li din tirrikjedi li tinbidel l-istruttura tal-art, isiru xi bankijiet u kif ukoll tagħmir ieħor ta' tisbiħ. Huwa qali li kollox se jibqa' hemm inklużi s-siġar filwaqt li parti mill-art tkun solar u jkun logħob

interattiv għat-tfal. Huwa qal ukoll li għandu xi laqgħat mal-perit biex jaraw il-possibilitajiet ta' dan kollu. Il-kunsill qabel b'mod unanimu

04.03.06 Fuq dan il-punt, il-Kunsillier Vince Bonello qal li tkun idea sabiħa jekk issir bħal stand b'mappa kbira tal-Ħamrun, fejn fiha turi l-postijiet u anke attrazzjonijiet fil-Ħamrun.

04.03.07 Fuq il-pellegrinaġġ tal-vara ta' San Gejtanu, s-Sindku qal li l-purċissjoni se tibda mill-Knisja ta' San Franġisk għal dik ta' San Gejtanu.

04.03.08 Rigward meta kien hemm l-attivitajiet Ruma, s-Sindku qal li fiż-żewġ każijiet kemm il-baned u kemm bħala kunsill ġenna milqugħin ħafna u ġie ikkonfermat li hemm interess kbir miż-żewġ lokalitajiet biex jissaħħu l-ġemellaġġi rispettivi. Serrone jixtiequ jaħdmu ħafna aktar magħna u anke hemm interess li dawn jiġu għall-festival. Proponejna li hemm xi kantanti jiġu ukoll. Min-naħa ta' Carpineto Romano, huma ukoll jixtiequ li jaħdmu aktar magħna. Kien hemm grupp Taljani li ħolqu atmosfera u jista' jkun li jiġu hawn u jkunu parti mill-festival.

04.03.09 Is-Sindku qal ukoll li biex iż-żewġ baned marru f'dawn il-postijiet il-kunsill ta is-sapport tiegħu billi tħallas it-transport mill-kunsill. Nġiebu stimi minn kumpaniji taljani stess.

**04.05 Korrispondenza**

04.05.01 Stedina mill-komunità Franġiskana tal-Ħamrun

04.05.02 Stedina għaċ-ċelebrazzjoni ta' Dun Henry Balzan bħala isqof fiċ-Ċili.

**03.04 Festival taċ-Ċikkulta**

04.04.01 Preżenti waqt din il-laqgħa is-sur Mario Camilleri li huwa l-event organizer tal-Ħamrun Chocolate Festival. Is-Sindku introduċih lill-membri preżenti.

04.04.02 Is-sindku qal li huwa mportanti li dan il-festival jibqa' wieħed ta' livell għoli u li din is-sena hemm bżonn li dan jikber kemm fil-livell u kemm fl- ispazju, fejn għalhekk dan se jibqa' sejjer sa' Triq San Tumas. Huwa qal ukoll li fl-istess data hemm attività oħra li tista' taffettwa, però huwa mportanti li naħdmu aktar fuq l-attività u nippromowvu dak li se nagħmlu bl-aħjar mod.

04.04.03 Is-Sur Mario Camilleri qal li r-reklamar huwa mportanti, u filfatt tiġa hemm ikkonfermati xi intervisti fuq programmi tat-televiżjoni.

04.04.04 Huwa qal ukoll li se jiżdiedu l-ammont tal-istands, filwaqt li se jsiru laqgħat kemm ma tal-ħwienet u kemm mal-għaqdiet.

04.04.05 Fuq stands bi prodotti taċ-ċikkulata, se jkun qed iżur il-festival l-ambaxxatur tal-Awstralja filwaqt li se jkun hemm ċikkulata torka, indjana, libjana,

marokka, mill-Italja, Belġu, Ingilterra, Brażil, u kif ukoll stalls oħra bi prodotti taċ-ċikkulata.

04.04.06 Huwa qal li fi Triq Nerik Cordina Peres se jkun hemm DJ stand, li se jkunu qed jiġbru fondi b'risq Puttinu Cares, rappreżentanti ta' Miss Malta.

04.04.07 Is-Sindku saħaq li huwa mportanti li fit-triq il-prinċipali jkun hemm biss stands taċ-ċikkulata, dawn tal-ikel ikunu f'toroq sekondarji.

04.04.08 Fuq dan il-punt il-viċi sindku qal li kien qed jitkellem ma' ċikkulatier barrani, fejn huwa għaddha l-email li irċieva lis-Sur Camilleri biex ikompli jikkorrispondi miegħu hu.

04.04.09 Is-Sur Camilleri qal li bħala strutturi se jsiru tnejn. Se jkun hemm Master Chocolatier Chris Zammit, Malti li jgħix l-Ingilterra, u xtaqt jiġi Malta biex jaħdem hawn, filwaqt li Tiziano Cassar se jagħmel struttura ta' player tal-football taljan bil-probbabilita li jiġi ukoll Malta. Fuq dan qed isiru kuntatti ma' persunaġġi oħrajn.

04.04.10 Is-Sindku reġa enfasizza l-importanza li nżommu budget jew inkellha naħdmu għal aktar sponsorships.

04.04.11 F'dan il-waqt saret diskussjoni libera fuq l-andament tal-festival.

04.04.12 Is-Sindku qal li l-kunsilliera Carmen Borg se jkun qed torganizza kompetizzjoni tal-kejkijiet taċ-ċikkulata.

04.04.13 Iż-żona tat-tfal se tkun fejn il-kumpless tax-xiri, fejn is-Sur Camilleri qali li huwa rċieva offerta mingħand persuna li jagħmel kollox hu ,fejn l-offerta kienet ta' €200 li jinkludi *bouncing castle*, ferrovija u aktar. Fuq din il-Kunsilliera Maria Baldacchino issuġġeriet li jintwera film, però ġie diskuss li jista' jkun hemm xi komplikazzjonijiet ħabba sound u post.

04.04.14 Is-Sindku qal li l-iscouts se jkunu qed idoqqu waqt din l-attività. Fuq is-sehem tat-talenti, is-Sur Camilleri ressaq it-talenti li jistgħu ikunu parti f'din l-attività. Fuq dan kollu saret diskussjoni libera.

04.04.15 Is-Sindku qal li l-Baned tal-lokal se jkunu qed jieħdu sehem ukoll.

04.04.16 Bħala parkeġġ se jkun disponibbli fil-Kulleġġi San Ġorġ Preca (Liceo u ex Maria Reġina) u Mikiel Anton Vassalli.

04.04.17 Id-diskussjoni kompliet fejn tfakkret l-importanza tal-first aiders waqt din l-attivita fejn ġie ikkonfermat li dawn tiġa huma ibbukjati.

04.04.17 Bħala divertiment fuq il-palks jibda fis-7pm. Dawn se jkunu fejn il-Bank, fejn il-Każin San Ġużepp, il-Każin San Gejtanu u fejn il-Pjazza

**04.05** **Skemi**

04.05.01 Is-Sindku qal li meta tinħareġ skema li taqa taħt d-dekasteru ta' xi kunsillier, din se tkun qed tintbat lill-kunsillier rispettiv.

**04.06** **Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-kunsilliera**

04.06.01 Il-Viċi Sindku qal li flimkieb mas-Sindku se jkun qed jiltaqgħa ma' grupp fejn it-tir tagħhom hu li jibdew jiltaqgħu biex jagħmlu clean-up b'mod volontarju. Dawk imorru fl-post u jagħmlu cleanup.

04.06.02 Il-kunsilliera Maria Baldacchino qalet li kellimha l-artist Mark Schembri li huwa nteressat li juża l-Ħamrun Cultural Hub, filwaqt li dak li avviċinat għal-festival taċ-ċikkulata għadu ma tax risposta, fejn hi se tkompli tikkomunika miegħu.

04.06.03 Uħud mill-kunsilliera ġibdu l-attenzjoni dwar kif jitwieġbu it-telephone min-naħa tal-istaff tal-Kunsill. Kien hemm diskussjoni libera fuq dan il-punt.

04.06.04 Inħolqot diskussjoni rigward kif qed jinġabar l-ilma speċjalment wara li tkun għamlet ix-xita, b'mod speċjali fi Triq il-Kbira. Din il-problema inħolqot issa għal fatt li qabel ma kienx hemm din il-kwistjoni. Saret diskussjoni libera fuq dawn l-issues relatati mal-ilmijiet.

04.06.05 Il-Kunsillier Mario Calleja, beda billi irringrazzja talli saru xi xogħlijiet li saru. Huwa qal li kien hemm ilmenti rigward il-bankijiet li qedin bla dahar. Huwa qal ukoll li tkun ħaġa għaqlija li jsiru aktar siġar biex ikun hemm aktar dellijiet speċjalment fejn hemm il-bankijiet.

**04.07** **Approvazzjoni tal-iskeda tal pagament**

04.07.01 L-iskeda tal-ħlasijiet numru 9.2024 ġiet approvata mill-Kunsillier Mario Calleja u sekondata mill-Kunsilliera Maria Baldacchino

**4.08** **Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Ikkonfermata, illum 19 ta' Settembru, 2024.
Laqgħa li jmiss hija skedata għat-Tlieta 8 ta' Ottubru 2024, fil-5.30pm

Christian Sammut
Sindku

Tanya Agius Borg
Segretarju Eżekuttiv